**112. Il-Ministru tal-Ippjanar Ekonomiku u Kummerċ l-Onor. Lino Spiteri jipproponi:**

Billi fl-artikolu 6 subartikolu 2 tal-Att tal-1981 għall-Protezzjoni tal-Konsumatur hemm provdut li għandu jkun hemm Kumitat li jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra tad-Deputati, minn fost il-membri tagħha, li minnhom wieħed ikun chairman;u li ċ-chairman u żewġ membri jiġu nominati mill-Prim Ministru u ż-żewġ membri l-oħra jiġu nominati mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni; u

Billi l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni għamlu n-nomina tagħhom;

Il-Kamra għalhekk tirriżolvi li skont din in-nomina:

L-Onor. George Vella jkun maħtur chairman; u

L-Onor. Gontran Borg,

L-Onor. Ċettina Darmenia Brincat,

L-Onor. Michael Falzon; u

L-Onor. Pierre Muscat,

ikunu maħtura Membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-1981 għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (Att XXIX/81).

04.11.1983